**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 237/97

Andrew Bonnici

vs

Chairman Gozo Channel Co. Ltd.

Illum 15 ta' Novembru, 2000.

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta tal-1988/1994, ir-rikorrent sofra ingustizzja billi saret diskriminazzjoni kontrih fuq il-post tax-xoghol tieghu, minghajr raguni valida anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz aktarx b'mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz huma fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien ilu impjegat mal-Gozo Channel Co. Ltd. bhala xufier ghal dawn l-ahhar tmintax il-sena. Fix-xoghol tieghu huwa ta' spiss kien ikollu overtime. Barra minn hekk kien jircievi wkoll allowance ta' Lm4 fil-gimgha talli kien inaddaf l-ufficcju.

Ghal habta ta' April 1988 giet impjegata persuna ohra bhala xufier "full time' mal-intimat. Minn dakinhar, l-overtime li kien ikun hemm kien jinghata kwazi kollu lil dan ix-xufier li kien ghadu kif beda l-impjieg u li ir-rikorrent kellu seniority fuqu.

Apparti dan l-overtime, ix-xufier il-gdid beda jinghata wkoll allowance ta' Lm15 fix-xahar bhala "supervisor" fuq il-watchmen.

Ir-rikorrent, minkejja li kien ilu jahdem mal-intimat ghal zmien twil, qatt ma nghata l-opportunita' li japplika ghax-xoghol ta' "supervisor" fuq il-watchman. Mhux talli hekk talli fl-1992, l-intimat minghajr raguni valida nehhielu wkoll l-allowance ta' Lm4 fil-gimgha li kien jircievi ir-rikorrent talli kien inaddaf l-ufficcju. Dan ix-xoghol inghata lil haddiehor.

F'okkazzjoni ohra fit-8 ta' lulju 1994, ir-rikorrent kien gie ordnat mic-Chief Engineer tal-Kumpanija biex imur jigbor 'winch" li kien ghat-tiswija minghand John Hili ta' Hal-Luqa. Ir-rikorrent kien intbaghat wahdu ghal din il-bicca xoghol. Waqt li kien qed jghabbi l-winch fil-van, wegga spallejh u billi l-ugieh zdiedlu u

ma setax jiccaqlaq kellu jieqaf mix-xoghol ghal madwar 28 gurnata.

Illi minkejja li ir-rikorrent kien wegga fuq ix-xoghol, waqt il-hin tax-xoghol, fil-qadi ta' dmirijietu, huwa ma nghatax "injury leave" izda "sick leave" u b'hekk sofra wkoll telf finanzjarju.

Illi ir-rikorrent qatt ma nghata ebda spjegazzjoni valida minghand is-superjuri tieghu, ghad-diskriminazzjoni li kien sofra f'diversi okkazzjonijiet u regolarment bejn l-1988 u l-1994. Huwa jsostni li dan gara x'aktarx ghal mottivi politici.

Illi b'hekk, ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent, fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hasara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent ried iressaq ix-xhieda murija fl-elenku anness.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghgbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tair-rikorrent, jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna li jinghata rimedju billi ir-rikorrent:

(1) jithallas l-allowances u hlasijiet ghal overtime li tilef bejn l-1988 u 1994 b'rizultat tad-diskriminazzjoni li saret kontrih;

(2) jithallas id-differenza bejn kumpens dovut ghal "sick leave" fil-perjodu meta huwa kien imwegga wara l-incident tat-8 ta' Lulju 1994.

Fl-eventwalita' li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta' Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimat.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-intimat li eccepixxa:

1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti Andrew Bonnici inkwantu diretti kontra is-Socjeta' intimata huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti stante illi:

a) Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti qatt ma kellu ebda allowance ta' Lm4 fil-gimgha sabiex jitnaddaf l-ufficcju tas-Socjeta' anzi jirrizulta mir-records ta' l-istess Socjeta' li kien isir hlas ta' Lm60 fix-xahar lil mart ir-rikorrenti C. Bonnici sabiex isir l-istess tindif, liema servizz gie mwaqqaf fin-1992 mill-istess Socjeta' minhabba ragunijiet ta' sigurta' u minn dak iz-zmien giet impjegata persuna ohra part-time sabiex isir l-istess tindif. Illi r-rikorrenti jidher li accetta din is-sitwazzjoni u kien biss illum li sar dan l-ilment manifestament infondat.

b) Illi fit-tieni lok u bla pegudizzju ghal premess, l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar l-overtime hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li jirrizulta li r-rikorrenti hadem total ta' Lm11387.90 bhala overtime bejn il-perjodu tas-6 ta' Marzu 1988 sa 28 ta' Dicembru 1995 skond elenku li qed jigi hawn esebit bhala dok B. Illi jirrizulta wkoll li kienu l-esigenzi tax-xoghol li ddettaw lis-Socjeta' kif jinghata l-overtime u dan thaddem b'gustizzja u trasparenza kif jidher mill-istess elenku.

Fost il-fatturi li ddeterminaw kif jinhadem u min jinghata l-overtime kien hemm is-segwenti fatturi:

i) li r-rikorrenti sofra attakk tal-qalb bejn il-perjodu tas-26 ta' Mejju 1990 u it-30 ta' Lulju 1990.

ii) Illi bejn Frar 1993 sa 31 ta' Marzu 1994 iz-zewg xufiera hadmu rispettivament ic-Cirkewwa u sa Maison, jolternaw gimgha gimgha b'dan li l-overtime inghata lill-persuna li jkun hemm bzonnha fil-post relattiv, li tkun xoghol hemm f'dik il-gimgha.

iii) Illi meta kien jopera s-servizz ghall-Sqallija sa 1 ta' Ottubru 1995 ir-rikorrent bhala xufier kien jopera fix-Xlokk ta' Malta, metri x-xufier l-iehor Anthony Micallef kien jopera fin-naha tat-Tramuntana ta' Malta, b'dan ghalhekk li peress li l-ahhar tragitt huwa itwal, l-overtime kien ikun aktar.

c) Illi di piu' is-Socjeta intimata dejjem imxiet mar-rikorrenti ai termini tal-kuntratt ta' l-impieg (Dok C) u di piu' jirrizulta car illi x-xufier l-iehor ma kellu ebda allowance ta' Lm15 fix-xahar bhala supervisor fuq il-watchman, izda kellu on call allowance ta' Lm200 fis-sena (Dok D). Illi jidher car li z-zewg kuntratti gew iffirmati separatament bejn is-Socjeta' u l-impjegati rispettivament u ovvjament accettati sal-lum mill-istess impjegati inkluz ir-rikorrenti li huwa konxju ta' dak kollu premess.

d) Illi ghalhekk u minhabba dak premess l-ilment dwar is-supervision huwa ilment fittizju stante li qatt ma kien hemm ebda bzonn ta' supervizjoni u kull xufier hadem skond il-kuntratt ta' l-imjieg tieghu u l-esigenzi tax-xoghol. Hadd mix-xufiera ma thallas ta' supervisory duties u qatt ma kien hemm applikazzjoni ghal tali post.

e) Illi di piu' l-allegazzjoni tar-rikorrenti dwar l-injuri leave hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt peress li l-istess rikorrenti ma applikax ghal injury leave u dan stante li r-rikorrenti rrapporta sick fit-18 ta' Lulju 1994 u kien biss fit-23 ta' Awissu 1994 li huwa ghamel statement verbali lill-Personnel Manager li kien sofra xi ugiegh fit-8 ta' Lulju 1994. B'hekk l-istess rikorrenti ma kienx intitolat ghal injury leave peress li ma pprezentax rapport fi zmien ghaxar ijiem mill-allegat akkadut. Illi dan apparti l-fatt li ma hemm ebda prova li sar injury fil-hin tax-xoghol tieghu.

f) Illi dwar l-allegat telf finanzjarju dan ukoll huwa fittizzju peress li ghal grazzja ta' l-argument id-differenza bejn injury leave u sick leave fl-ahhar nett twassal biss ghal differenza ta' Lm25; u dan apparti l-fatt li t-tali beneficcju xorta kien jintilef ghaliex ha sick leave izjed minn dak permess; u jekk isiru l-kunteggi r-rikorrenti ghandu jirrifondi lura l-pagamenti tat-tnaqqis tas-Sigurta' Socjali li erronjament ma tnaqqsux mis-Socjeta' esponenti ghal disa' gimghat in fila.

g) Illi dwar il-kaz tas-sick leave saru diversi diskussjonijiet mal-GWU u s-Socjeta' intimata *ex gratia* accettat li taghti lir-rikorrenti extra sick leave sa l-ahhar ta' Dicembru 1997 jekk ir-rikorrenti jkollu bzonn jidhol l-isptar minhabba qalbu u dan gie accettat mill-istess rikorrenti.

h) Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra tieghu stante li tali allegazzjonijiet huma manifestament fittizzji u addirittura vessatorji, anki peress li dawn il-fatti kollha fuq elenkati huma a konoxxenza ta' l-istess rikorrenti.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi l-ilment tar-rikorrent hu ibbazat fuq –

1. overtime;
2. allowance talli jnaddaf l-ufficju;
3. allowance bhala supervisor fuq il-watchmen;
4. li qatt ma nghata l-opportunita' li japplika ghax-xoghol ta' "supervisor" fuq il-watchmen;
5. li weggha meta mar jigbor winch u ma thallasx tad-differenza fis-sick leave.

Illi hemm xi aspetti ta' kompetenza li t-Tribunal ghandu l-obbligu li jidhol fihom anke meta dawn ma gewx sollevati fin-nota tal-eccezzjonijiet u dan minhabba l-fatt li kwistjoni ta' kompetenza ma tistax tigi sorvolata mit-Tribunal ghax l-intimat ma sollevax dan. It-Tribunal mhux sejjer iqajjem minn rajh kwistjonijiet bhal fatt li kjamat in kawza ma giex interpellati fit-terminu preskritt mil-ligi, izda ghandu d-dover li jekk ihoss li mhux kompetenti dwar xi aspetti li jissollevah hu stess.

Dan it-Tribunal kien ezamina aspett dwar kompetenza fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999:

"Illi hu opportun li l-ewwel nett it-Tribunal jezamina jekk hux kompetenti jiehu konjizzjoni tal-ilment tar-

rikorrent. Hawn wiehed irid bil-fors jaghmel referenza ghall-artikolu 6 (1) tal-Att VIII tal-1997….

F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatt l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici u ghalhekk mhux applikabbli ghar-rikorrent. L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi… L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta'

allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga…."

Ara wkoll il-kaz ta' Anthony Vella vs Kalaxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances, u fil-kaz ta' Emmanuel Camilleri vs Direttur Generali MPO deciza fid-9 ta' Mejju, 2000 li kien jikkoncerna overtime. Dawn jesorbitaw mill-kompetenza tat-Tribunal.

Issa r-rikorrent ilmenta wkoll li qatt ma nghata l-opportunita' li japplika ghax-xoghol ta' "supervisor" fuq il-watchmen. Illi dan ukoll ma jissemma imkien fl-Att VIII tal-1997 u ma jinkwadra taht ebda aspett imsemmi fil-paragrafi (a) sa (d) tal-artikolu 6. Ghalhekk certament lanqas dan l-aspett ma jista' jigi ezaminat.

Jifdal li wiehed jezamina l-ilment tar-rikorrent li hu weggha meta mar jigbor winch u ma thallasx tad-differenza fis-sick leave. Hawn ukoll hemm il-problema ta' kompetenza tat-Tribunal. Fil-

kawza Bonavia vs Kummissarju tal-Pulizija deciza mit-Tribunal fis-7 ta' Novembru, 2000 it-Tribunal qal:

"Ghall-istess motivi l-ilment tar-rikorrent odjern ghal kumpens ghax weggha fuq ix-xoghol taqa' barra mill-kompetenza ta' l-Att VIII tal-1997. Jinghad li din hija kwistjoni prettament ta' dritt civili. Jinghad li mhux kull allegata ingustizzja hija ta' kompetenza tat-Tribunal izda kif hemm specifikat fl-Att VIII tal-1997 u senjatament l-artikolu 6 (1) kif indikat fis-sub-artikoli (1) sa (4). Huwa veru li bhala Tribunal ma ghandux ikun hemm interpretazzjoni ferm restrittiva, izda lanqas ma ghandu jkun hemm interpretazzjoni tant laxka ghax altriment naslu li nnehhu l-ligi relevanti. Ara f'dan is-sens ukoll il-kawza deciza mit-Tribunal fl-ismijiet "Vincent Vassallo vs Kalaxlokk Company Limited et" deciza fid-19 ta' Ottubru, 1999."

Jinghad li l-kaz odjern huwa simili hafna. L-Att VIII tal-1997 ma jitkellimx fuq "sick leave", korriment waqt xoghol, telf ta' flus minhabba sick leave. Ghalhekk taht dan l-aspett ukoll l-ilment tar-rikorrent tesorbita mill-kompetenza tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.